**KUNSILL LOKALI** **LOCAL COUNCIL**

**BORMLA**
*Citta' Cospicua*

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Bormla

## Id-disa' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 03/2024

**Laqgħa Numru 03**

08 t' Awissu 2024

Il-Kunsilli Lokali Bormla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2A, The Rest, Pjazza Santa Margerita, Bormla, Il-Ħamis 8 t' Awissu 2024 fl-4:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Marco Agius - Sindku
Noya Spiteri Hammett - Viċi Sindku
Martin Vella - Kunsillier
Rita Gatt - Kunsilliera
Glauber Spiteri - Kunsillier

Membri tal- Pubbliku: (0)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Graziella Gellel – Deputat Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku is-Sur Marco Agius ippresjeda din is-seduta Nru 03 għad-disa' leġislatura

| | |
|---|---|
| **03.1** | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji** |
| | Ma kienx hemm |
| **03.2** | **Kunsiderazzjoni u Approvazjoni tal-Minuti** |
| 03.2.1 | Is-segretarju eżekuttiv bagħtet l-minuti tas-seduta numru 2/2024 għad-disa' leġislatura permezz ta' imjel lis-sindku, viċi sindku u l-kunsilliera. Il-Kunsillier is-Sur Martin Vella approva u l-kunsillier is-Sur Glauber issekonda wara li s-Sur Martin Vella ġibed l-attenzjoni fuq:<br><br>korrezzjoni tal-minuta numru 02.3.11<br>*Is-Sindku is-Sur Marco Agius informa lil kunsilliera b'imejl li intbgħatet mis-Sur Antoinne Zammit minn Studjurban dwar bollards biex jinqalu temporarjament minn Triq id-dejqa sabiex ikun jista issir ix-xogħol. In-Numru tal-Permess huwa PA/00799/23.*<br>Din kienet talba (***Request for temporary removal of bollard and metal decorative arch in Triq id-Dejqa, Bormla for the purposes of civil works approved in*** *PA/00799/23*) sabiex jinqgħalu dawn il-bollards iżda l-kunsill ma kienx ta permess fil-fatt il-Perit tal-kunsill kien kellem il-kuntrattut u kien bagħat imejl fit – 22 ta' Mejju 2024 lil kunsill li tgħid hekk:<br>*Good morning*<br><br>*I met the architect and contractor yesterday. I made it very clear* ***that no permit will be granted to take off bollard and decorative arch*** *in order to enter with machinery/trucks. The developer has to amend the method statements (tal BCA). He will work and bring in materials from the surrounding streets after getting necessary permits from the Local Council .*<br><br>*He will only carry materials/ hand held tools by hand (cart) in Triq id – Dejqa.*<br><br>*Kind regards* |

| | |
|---|---|
| | *Dieter Falzon A&CE*<br>Is-Sur Martin Vella ġibed l-attenzjoni li hemm korreteza fil-minuti<br>02.03.17<br>Is-Sindku is-Sur Marco Agius propona sabiex il-kunsill ta' Bormla japplika mal-lands sabiex il-Forti San Klement jiġi devolut lil-kunsill ta' Bormla. Il-Kunsillier is-Sur Martin Vella propona wkoll sabiex il-kapella ta' San Ġwann T'Għuxa tiġi devoluta wkoll lil Kunsill ta' Bormla u jkomplu l-komunikazzjoni bejn il-kunsill ta' Bormla u Antropolis. Il-Kunsilliera preżenti qablu unanimament ma dawn il-proposti.<br>u<br>02.03.25<br>Is-Sindku ikkomunika li jixtieq li jiproponi li l-Forti San Klement jiġi f'idejn il-kunsill permezz ta' devoluzjoni, kif ukoll il-kapella ta' San Ġwann T'Għuxa . Il-Kunsilliera qablu ma din it-talba. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat xi tfisser devoluzjoni u ser iġġib id-dokumenti meħtieġa sabiex il-kunsill japplika għal dawn il-binjiet storiċi.<br>Għalhekk għandha titneħa il-minuta 02.03.25 għaliex qeghdin repetuti.<br><br>Korrezzjoni oħra li innota s-Sur Martin Vella li fil-minuta punt 02.06.02 trid tiġi is-Sur Martin Vella u mhux is-Sur Martin Glauber.<br><br>Korrezzjoni li innutat is-Sa.Noyah Spiteri Hammett dwar il-mistoqsija tas-segretarju eżekuttiv fejn staqsiet meta ser issiru l-interview u s-segretarju eżekuttiv weġbitha li ser issir l-għada tal-laqgħa preżenti jiġifieri fid-9 t' Awissu 2024 mill-11 am sas-2pm. Staqsiet kien hemm talba mill-kunsill biex il-bord jiġi maħtur mid-DLG jew id-DLG impona fuq il-kunsill li jaħtar il-bord id-dlg ? |

*2A, 'The Rest', St. Margaret Square, Cospicua BML 1202, Malta*
*Tel: (++356) 21663030, (++356) 21665337 - Fax: (++356) 21672222*
*E-mail: bormla.lc@gov.mt*

| | |
|---|---|
| | Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li LE id-dlg ma imponiex biex jaħtar il-bord għal-għażla tas-segretarju eżekuttiv, iżda l-kunsill kien li bagħat lid-dlg biex jissuġġerixi bord indipendenti għal-għażla tas-segretarju eżekuttiv biex ikun trasparenti u ħadd mill-membri eletti tal-kunsill ma jkun fil-bord. Is-Sa Noyah Spiteri Hammet wieġbet li hi ma sib l-ebda problema li l-bord ikun indipendenti.<br><br>Is-Sa. Noya Spiteri Hammet ġibdrt l-attenzjoni fuq korretteza dwar punt numru 02.05.01<br><br>Id-Deputat segretarju eżekuttiv resqgħet l-iskeda ta'pagamenti numru 1/2024 għad-disa' leġislatura fejn ġew approvati mil-kunsillier is-Sur Martin Vella u s-sekondati mis-Sa. Rita Gatt minbarra dawn il-pagamenti sabiex jiġu diskussi fil-laqgħa li jmiss:<br>2024/687 – ABC Caterers<br>2024/688 – ABC Caterers<br>2024/679 – Mark Faenza<br>2024/665 - Saviour Mifsud<br>2024/596 – A.Pisani Marble Works<br>Fejn qalet li kien hemm iżjed minn dawn, iżda l-kunsilliera is-Sur Martin Vella u is-Sur Marco Agius ikkonfermaw li kienu dawn il-ħames pagamenti li kienu ġew diskusi minħabba li is-Sa. Noyah Spiteri Hammett riedet tiverifika l-kwotazzjonijiet. Is-Segretarju Eżekuttiv stiednet lil viċi sindku sabiex tara l-kwotazzjonijiet fl-uffiċċju tal-kunsill kemm il-darba iżda din baqgħet ma ġietx għalihom għalhekk is-segretarju eżekuttiv lestit kopja għal waqt il-laqgħa numru 3 għad-disa' leġislatura. |

*2A, 'The Rest', St. Margaret Square, Cospicua BML 1202, Malta*
*Tel: (++356) 21663030, (++356) 21665337 - Fax: (++356) 21672222*
*E-mail: bormla.lc@gov.mt*

| **03.3** | **Kommunikazzjoni mis-Sindku** |
|---|---|
| 03.03.01 | Is-Sindku ikkomuika dwar imejl datata 27 ta' Lulju 2024 minn għand Sa Maria De Martino fejn tixtieq li tressaq il-bozza tad-dawl li qeda fi Triq Dom Mintoff fuq numru 124. Is-sindku is-Sur Marco Agius qal li l-kunsill irrid jitkllem ma l-Enemalta u n-Nexos. |
| 03.03.02 | Imejl datata 23 ta' Lulju minn għand is-Sur Glauber Spiteri u Rita Gatt fejn qed jirreferu dwar grada li kien hemm taħt il-Mina ta' Għajn Dwieli li inqalet mill-post madwar erbgħa snin ilu biex issir il-proġett tar-restawr tal-mina fejn din il-grada jidher li qeda fil-workshop tal-gvern sabiex terġa titpoġġa fuq il-post. Is-Sur Glauber Spiteri qed jitlob li issir plakka żgħira fuq din il-mina fejn tgħid li fi żmien il-gwerra kienet isservi ta' kappella fejn ġili saru xi żwigijiet u magħmudijiet. Il-Kunsill ta' Bormla ser jiċċekja mal-pulblic works jekk din il-grada għadiex fil-garaxxijiet tagħhom. |
| 03.03.03 | Etienne Bugeja designer u skultur qed jitlob jekk jistax jagħmel użu minn dock 1 biex jagħmel exhibition f' Ottubru jew Novembru ?<br>Il-Kunsilliera qablu unanimament dwaar din l-esebizzjoni. |
| 03.03.04 | Is-sinku informa lil kunsilliera preżenti li l-Kunsilliera is-Sa. Rita Gatt bagħtet imejl datata 12 ta' Lulju fejn qed tiproponi li issir u tinqala mill-ġdid Triq il-Madonna Tal-Grazzja u l-madwar tagħha, din għanda tiġi issuġġerita lil Infrastructure Malta. |
| 03.03.05 | Is-Sindku informa lil-kunsilliera preżenti b'imejl mibgħuta minn għand il-kunsilliera is-Sa. Rita Gatt datata 14 ta' Lulju 2024 fejn qed tissuġġerixi li issiru cameras f' St. John Str qabel ma jduru fi Triq Dwardu minħabba abbuż ta' skart u skart goff u minn ħabba sigurta u vandaliżmu. |
| 03.03.06 | Is-Sindku qara imejl datata 15 ta' Lulju mibgħuta minn għand il-kunsilliera is-Sa. Rita Gatt fejn qed tissuġġerixi li l-ħaddiema tal-kunsill għandhom |

| | |
|---|---|
| | bżonn mutur żgħir li jiċċatja it-tarmak. Il-Kunsilliera preżenti ma jaqblux ma dan il-mutur għall patching għaliex m'hemmx ħaddiema li għandhom il-kapaċita li jużaw dan il-mutur għaliex m'humiex skilled workers. |
| 03.03.07 | Is-Sindku is-Sur Marco Agius qara l-imejl mibgħuta mill-Kummissjoni Żgħażagħ Ċentru 19 ta' Novembru 1944 sabiex jorganiżżaw Car Wash ħdejn il-parkeġġ tad-dar tal-anzjani is-Sibt 14 ta' Settembru u is-Sibt 19 t' Ottubru. Il-Kunsillier is-Sur Glauber Spiteri approva, u issekondat il-viċi sindku s-Sa. Noyah Spiteri Hammett. Il-Kunsilliera preżneti qablu ma din l-attivita. |
| 03.03.08 | Is-Sindku ressaq imejl minn għand is-Sur Deguara Christopher datata 16 ta' Lulju fejn qd jitlob il-kunsill sabiex tisemma triq( parti minn fuq San Pawl minflok il-wesgħa iż-żgħira )għall-eks Prim Ministru Karmenu Mifsud Bonnici. Mappa annessa. Wara diskussjoni l-kunsilliera ħarġu bl-ideja li l-Pjazza ta' quddiem l-għassa tiġi imsemmija għal exs Prim Ministru Karmenu Mifsud Bonnici. |
| 02.03.09 | Is-Sindku spjega lil kunsilliera li wara li intbgħatet imejl lil RMS dwar it-tender li hemm għall bandli ta' fuq San Gwann T'għuxa biex jitkompla u għaliex dan id-dewmien , il-kuntrattur riedt li jiltaqa' mal-perit tal-kunsill biex jinforma lil perit li jekk jidħol l-ilma fil-garaxx ta' taħt il-kuntrattur mhux responsabbli tad-danni kemm tas-soqfa kif ukoll tas-situ għaliex l-ilma jipenetra jekk il-membrane ma jkun tajjeb. Is-sindku , flimkien mad-deputat Segretarju eżekuttiv, il-kunsillier is-Sur Martin Vella u l-Perit Deter Falzon marru fuq il-post sabiex jiġi diskuss il-kwalita li jinsab fih il-membraine lli hemm f'dan il-bandli. Il-Perit ikkonferma li l-membraine irrid jinqala u jinbidel biex ma jkunx hemm riskju ta' ilma li jipenetra għall garaxx ta' taħt dan il-bandli, għaliex il-membraine li hemm preżenti issa għadda aktar minn 10 snin min mindu sar u għalhekk il-kuntrattur mhux ser jieħu riskju li jitpoġġa is-situ fuq membraine antik għaliex mis-situ l-ilma jippenetra. Wara din il-laqgħa fuq is-sit ġie deċiż ukoll li jiżdiedu żewġ |

| | |
|---|---|
| | mollol u merry go round żgħira ta 1.2 m sa 1.4m minflokk il-bandla l-kbira tad-diżabilita u l-bandla l-kbira titpoġġa fil-bandli ta' Santa Margerita. Il-Perit issuġġeriexa li jinġabru kwotazzjonijiet għal-liquid membraine. |
| 03.03.11 | Is-Sinkdu s-Sur Marco Agius ikkomunika mal-kunsilliera preżneti li il-bord għas-sejħa tal-vakanza tas-segretarju eżekuttiv ser jiltaqa' għada 9 t' Awissu 2024 sabiex jintagħażel jew tintgħażel is-segretarju l-ġdid, b'hekk d-deputat segretarju eżekuttiv tkun tista tgħati l-hand over lis-segretarju l-ġdid. |
| 03.03.12 | Is-Sindku is-Sur Marco Agius informa lil kunsilliera dwar l-assistant principal is-Sa. Ramona Falzon li bħal ma jafu bagħtet imejl fejn qed titlob sabiex hi tkun tista taħdem part time mal-kunsill u tkun tista tkompli taħdem fuq l-accounts. Fl-Uffiċju fil-front office hemm bżonn ta' skrivan/a biex jgħinu fil-ġbir ta' citazzjonijiet, kirjiet, permessi, bulky u ilmenti kemm bit-telefon, personali kif ukoll b'imejls.<br><br>Maria Gerada, tieħu ħsieb ilmenti kemm bit-telefon kif ukoll personali, ċitazzjonijiet, kirjiet u bulky iżda mhux biżżejjed Maria waħeda. Stephanie tieħu ħsieb l-istess xogħol iżda għandha l-emails x'tara li jidħlu kull sekonda kif ukoll permessi u tqabel il-cash fl-aħħar tal-ġurnata u l-invoices li jidħlu tgħaddihom lil Ramona.<br><br>Vanessa Galea kif ukoll Ivan sakemm il-kunsill ikollu xufier qed joħorġu bil-vann biex jinqdew l-anzjani għall-appuntamenti ġewwa Bormla stess darba kull wieħed. Vanessa qed tkompli tieħu ħsieb il-ħaddiema ta' barra sabiex tagħmel l-attendenza u leave tal-ħaddiema.<br><br>Ivan qed joħroġ jagħmel superviżjoni tax-xogħol li jkunu qed jagħmlu l-ħaddiema ta' barra kif ukoll jiġbor kwotazzjonijiet u jagħmel il-purchase orders u l-purchase order list, filing u saving tal-emails , inniżel complaints li jidħlu mill-emails u jordna affarijiet ta' l-uffiċċju bħal stationery u bżonnijiet tal-ħaddiema ta' barra u jniżżel ritratti u google maps li jkun hemm bżonn jintbgħatu ma formoli għal dipartimenti differenti<br><br>Ivan u Vanessa xogħolhom hu li jagħmlu ħlasijiet taċ-ċitazzjonijiet, kirjiet Housing u Lands, ilmenti kemm bit-telefon kif ukoll personali meta ma jkunx hemm xi ħadd li qiegħed front office. Permessi u filing tagħhom. Iżda |

*2A, 'The Rest', St. Margaret Square, Cospicua BML 1202, Malta*
*Tel: (++356) 21663030, (++356) 21665337 - Fax: (++356) 21672222*
*E-mail: bormla.lc@gov.mt*

| | |
|---|---|
| | hemm bżonn ukoll li dawn ikunu fil-front office speċjalment meta jkun hemm xi ħadd minnhom **bil-leave jew sick**.<br><br>Is-Sindku qed jiproponi li l-kunsill jitlob għall-xufier u skrivan. Il-Kunsilliera qablu li s-Sa Ramona Falzon tibqa part time. Il-Viċi Sindku staqsiet jekk hux għall dejjem part time jew sakem il-kunsill issib lil xi ħadd ieħor bħala Assistant Principal ? Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li jekk il-kunsill jaqbel u jkun f'qagħda finanzjarja tajba il-kunsill jista jżomm lil Ramona Falzon bħala part time fl-accounts.<br><br>Il-ħaddiema ukoll qed iqassmu x-xogħol bejnithom bħala overtime s-Sibtijiet u l-Ħdud u mit-Tnejn sal-Ġimgħa mil-5pm sat- 8pm sabiex jinfetaħ il-grawnd Peppi Delceppo. |
| 03.03.13 | Is-Sindku is-Sur Marco Agius ikkomunika mal-kunsilliera sabiex jinġabru kwotazzjonijiet għall-kuntrattur tad-Dawl tal-Milied sabiex il-Kunsill jibda jaħseb għall-ordni tad-dawl u jkun hemm disinji ġodda. Kif ukoll is-sindku issuġġerixa li issiru silhouettes f' irkejjen ta' Bormla. Il-Kunsill jixtri l-materjal u l-kunsllier is-Sur Martin Vella jista jaħdem l-arkett. Il-Kunsilliera preżenti qablu ma dan is-suġġeeriment. |
| 03.03.14 | Is-Sindku ikkomunika li ser jiffinaliża l-ġemelaġġ għall-iffirmar ta-Twinning ma Pristina sabiex naraw is-similaritajiet ta' bejn iż-żewġ lokalitajiet mit- 12 sat- 13 t' Ottubru 2024. Il-Kunsill irrid jiċekja l-flights u l-akkomodazzjoni kemm ser jiġu għas-sindku u l-kunsilliera kollha u s-segretarju eżekuttiv, iżda biex jitilgħu il-ħames kunsilliera u s-segretarju eżekuttiv mhux ser jinħareġ il-Per Diem allowance. |
| 03.03.15 | Id-deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsilliera preżenti li tkellmet mal-Perit William Lewis fejn staqsiet jekk hux possibli li nagħmlu change of architect sabiex issiru x-xogħolijiet tal-kmamar ta' fejn il-grawnd Peppi Delceppo peress li huwa m'għandux il-perit tal-kunsill. Il-Perit William |

| | |
|---|---|
| | Lewis ma jsibx oġġezzjoni li issir change of architect bħal ma sar fit-Tender tad-diżlivelli f' San Ġwann T'Għuxa. |
| 03.03.16 | Is-Sindku is-Sur Marco Agius issuġġerixa li kif tinfetaħ il-Mina ta' Santa Liena jqabdu ħaddiem sabiex jibda jieħu ħsieb il-ftuħ u l-għeluq ta' fuq il-Mina u jieħu ħsieb l-indafa tal-madwar ta' din il-mina santa liena. Is-Sindku tkellem mal-MTA li ser jiprovdu ftit bankijiet mingħajr ħlas għal fuq il-Mina ta' Santa Liena. |
| 03.03.17 | Is-Sindku ikkomunika mal-kunsilliera li s-Sur Matthew Tonna Gilford bagħat imejl, fejn staqsa jekk hux possibli li mill-fondi tar-Reġjun jintużaw biex tingħalaq Triq il-Pellegrinaġġ, (quddiem il-Knisja), bil-għan li ssir attivita' b'risq il-Festa? U jekk iva, l-applikazzjoni tal-permessi u l-pulizija, jieħu ħsieb il-kunsill? Kienet intbgħatet imejl u l-kunsilliera Glauber Spiteri ,u Rita Gatt u l-viċi sindku bagħtu imejl li jaqblu. Il-Kunsill ħa ħsieb il-permessi mill-puluzija u għalhekk intbgħatet imejl lis-Sur Matthew Tonna Gilford li l-kunsill ser iħallas is-servizz tal-puluzija u jiġi rifondut mir-reġjun. |
| 03.03.18 | Is-Sindku is-Sur Marco Agius qara skema mibgħuta fis-6 t' Awissu mill-Animal Welfare Schemes at MAFA-AHWD sabiex il-kunsill jibgaħt lista ta Cat Feeders ġewwa il-lokal u jintbagħtu vouchers għal-ikel u neutering tal-qtates. Il-Kunsilliera preżenti qablu dwar dan. |
| 03.03.19 | Is-Sindku is-Sur Marco Agius attenda seminar fis- 7 t' Awissu 2024 fejn saret konferenza mit-TM dwar mobility week fuq ir-regatta Club Bormla, sabiex il-kunsilli japplikaw għal -dan il-fond. Għal din l-applikazzjoni trid tintbgħat sa tlett ġimgħat oħra. Wara diskussjoni ġie deċiż li japplikaw għall E-Bikes. |
| 03.03.20 | Is-Sur Marco Agius qara ittra mibgħuta minn TM fejn qed taċċeta li issir Reserved Parking Bay Permanenti fuq ir-Residenta Miriam Degioirgio Blk 2, 22 Triq Salvu Psaila Bormla Ref NO : 10542 |
| 03.03.21 | Is-Sindku is-Sur Marco Agius informa lil kunsilliera preżenti dwar laqgħa bejn Cospicua Community Project u r- Reġjun Port flimkien mal-kunsill ta' Bormla sabiex jiddiskutu dwar il-proġett tal-Kottonera lines fit -22 t' Awissu fil-11.30 am fil-Marsa. |

| | |
|---|---|
| 03.03.22 | Is-Sindku qara kwotazzjoni minn għand il-kantant Glen Vella għas-serata ta short play festival fejn kien hemm dawn it-tlett offerti:<br>*1. Solo performance with Backing Tracks, duration of 30min maximum - **450euro***<br><br>*2. Trio Set Up which includes me as a Singer and Pianist & SPD Drummer as my accompanists. Fee is that of **1200euro** for a duration of 45min to 1hr Max*<br><br>*3. Duo Set Up which includes me as a Singer and Pianist as my accompanist. Fee is that of **800euro** for a duration of 45min to 1hr Max*<br>Id-deputat segretarju eżekuttiv infurmat lill-kunsilliera dwar laqgħa fejn iltaqgħet mal-viċi sindku is-Sa. Noya Spiteri Hammet u l-kunsillier is-Sur Glauber Spiter fejn ġew diskussi dawn il-punti għall-praparamenti għal short play festival:<br><br>• Hard drive x 2 għall-materjal miġbur ta short play festival li tkun tesa 1TB<br>• *sound and lights* jibdew minn l-Erbgħa<br>• siegħat tas-sigurta<br>• *trophies*<br>• il-Kunsill jagħmel talba għall-aktar fondi minn entitajiet oħra<br>• reklamar : banners, flyers, totems, posters u media<br>• Is-serata tal-awards issir fuq ir-regatta klabb<br>• *mobile toilets*<br>• catering<br>• entertainment<br>• kif ukoll preżentatur, kantant , dj – 7:30pm -11pm<br>• Kantant Glenn Vella |

| | |
|---|---|
| | Il-Kunsill lokali għandu jiġbor kwotazzjonijiet għall-dawn il-praparamenti għal short play festival. |
| 03.03.23 | Is-Sindku ikkomunika mal-kunsilliera dwar imejl datata 5 t'Awissu mill-Mcast għall-korsijiet tat-terza eta li l-applikazzjonijiet huma miftuha mil-5 t' Awissu sat-18 t' Awissu, din itellat fuq fb tal-kunsill. Il-Korsijiet huma offruti b'xejn u jibdew mit-23 ta' Settembru għall sagħtejn fil-ġimgħa bejn l-10:00am u nofsinhar. |
| 03.03.24 | Is-Sindku ikkomunika mal-kunsilliera imejl datata 5 t' Awissu 2024 minn għand is-Sa. Caruana Priscilla dwar l-Ewropa Kreativita li din tagħlaq f' Nov 2024. Il-Programm *Culture Move Europe* joffri professjonisti jew artisti kulturali li għandhom 18 + u għandhom passjoni għall-moda, l-arti, il-kultura, il-mużika, il-kant u ħafna aktar biex japplikaw għall-finanzjament; sabiex jivvjaġġaw f'wieħed mill-pajjiżi Ewropej u joħolqu kollaborazzjonijiet jew proġetti barra minn Malta. |
| 03.03.25 | Is-Sindku ikkomunika li is-Sur Emmanuel Zahra u is-Sa. Ivana Legname huma interessati li jaħdmu mal-kunsill lokali ta' Bormla flimkien mas-SEM sabiex japplikaw f'isem il-kunsill ta' Bormla għall-fondi tal-EU, ġaladarba l-applikazzjoni tgħaddi mill-Unjoni Ewropej u l-Kunsill Lokali ta' Bormla jingħata l-fondi għall-proġett is-Sur Emmanuel Zahra u s-Sa. Ivana Legname jitħallsu bħala project managers mill-istess fondi tal-proġett rispettivament. Il-Kunsilliera preżenti qablu unanimament dwar dan. |
| 03.03.25 | Is-Sindku ikkomunika mal-kunsilliera preżenti Imejl datata 3 t' Awissu mibgħuta mill-Kunsillier is-Sur Glauber Spiteri dwar :<br>anzjana fi Triq San Ġwann li għanda siġra kbira u għanda bżonn tinżabar għaliex qed twaqqa ħafna weraq. Nixtieqkom tapprovaw jekk taqblux li jintbgħat ġardinar bil-high up sabiex tinżabar għax ma tafx lil min għandha tgħid. Il-Kunsill għandu jibgħatilha ittra sabiex jissuġġerrixilha kuntatti ta' diversi ġardinara. |
| 03.03.26 | Is-Sindku ikkomunika li l-Kunsill ta' Bormla bagħat lil Infrastrucure Malta – fl- 20 ta' Lulju sabiex tinżebaħ iz-zebra crossing fi Triq Fuq San Pawl, Bormla eżatt quddiem il-White Cross Pharmary, hemm Zebra Crossing u Bus Stop li għandhom bżonn refreshing urgenti.<br><br>Din hija triq arterjali u għalhekk hemm bżonn l-għajnuna ta' Infrustructure Malta biex din terġa tinżebah mill aktar fis possibli. |

| | |
|---|---|
| 03.03.27 | Is-Sindku qara l-imejl datata 29 ta' Lulju li bagħat is-Sur Glauber Spiteri dwar il-lokazzjonijiet ta' Short Play Festivals li huma:<br><br>1. Dawra li ma tieqafx - Melise Mifsud - Il-Bandli<br>2. L-Ispettaklu tat-triq - Kersten Bugeja - Gnien tal- Monasteru<br>3. Il-Bank l-abjad - Gilbert Mallia/Noah Attard Munro - Triq il-Mitħna fejn il-klabb tal-boċċi<br>4. In-Naħa l-Oħra - Andre Penza - Suq Bonnici<br>5. Karl - Joswe Formosa - Triq ta' fejn Matti Grima<br>6. Pandemonju- Melise Mifsud - Bitha tal- Kunsill |
| 03.03.28 | Is-Sindku ikkomunika mal-kunsilliera preżenti imejl datata 29.07.2024 fejn il-Kunsill lokali bagħat imejl lil Infrastructure Malta sabiex fi Triq Wiġi Rosato terġa titwaħħal mera li tneħħiet li kienet fil-post indikat (fil-kantuniera tal-garaxx ) fir ritratt annes . |
| 03.03.29 | Is-Sindku qara notifika datata 24 ta' Lulju 2024 mibgħuta minn TM li s-Sur Joseph Patrick Rice Ref NO : 10995 Triq John Pace kif ukoll notifika datata 26.07.2024 tas-Sur Emmanuel Cachia Belli ref No : 10974fi Triq San Ġorġ ma jikkwalifikawx għall-parkeġġ riżervat.<br><br>Tm bagħtet ittra datata 17 ta' Lulju dwar Raymond Bonello ref 11671 fi Triq San Mikiel Bormla u Kevin Brincat Ref 11686 fi Triq Wiġi Rosato biex japplika għall personal reserved parking . L-Awtorita qed titlob għal tweġiba mill-kunsill jekk minn naħa tal-kunsill ma jkun hemm l-ebda tweġiba fi żmien 28 ġurnata mid-data tal-ittra dan ikun iffiser li l-kunsill m'għandu l-ebda oġġezzjoni. |
| 03.03.30 | Is-Sindku qara imejl mibgħuta minn Bezzina Ann Marie minn Sport Malta datata 23 ta' Lulju 2024 - din l-applikazzjoni talaq 31 ta' Awissu 2024. Min jixtieq japplika għall din l-inizjattiva għall-*European Week of Sport Local Councils'* dawn l-attivitajiet jibdew minn l-ewwel ta' Sett sal-15 t' Ottubru. Din l-inizjattiva hija sabiex tipromwovi l-isports u l-eżerċizzju bejn il-komunita'. Is-Sur Martin Vella issuġġerixa li issir Water polo fil-baċir. |

| | |
|---|---|
| 03.03.31 | Is-Sinkdu qara imejl datata 23 .07.2024 minn għand l-Ing. James McElhatton fejn qed jidħollu l-ilma minn pajp fi Triq Paulina Vassallo hemm ir-ritratti annessi mal-imejl. Jixtieq li l-kunsill jagħmel kuntat mal-WSC kemm jista jkun malajr għaliex jista jkun ta ħsara għas-sistema tal-pump room. Is-Sindku informa lil kunsilliera li din il-Pjazza trid titnaddaf kuljum minħabba l-weraq tas-siġar sabiex ma jsirx ħsara lil din il-funtana. |
| 03.03.32 | Is-Sindku ikkomunika mal-kunsilliera ilment / suġġeriment datata 22.07.2024 minn għand is-Sur Luis Orsini illi joqgħod f'numru 16 Triq Joseph Casha li xtaqt jagħmel xi pots fit- triq. Pjanti għandu hu. Il-Kunsilliera preżżenti qablu dwar dan importanti li jieħu ħsieb dawn il-pjanti u jissaqew.<br><br>Barra minn hekk xtaq ukoll illi nagħmlu Sleeping Policeman fl-istess triq għax qed ikun hemm ħafna sewqan bl'addoċċ.<br><br>Dwar sleeping policeman il-kunsill irrid jibgħat lil Transport Malta. |
| **03.4** | **Tweġibiet għall-mistoqsijiet mill-kunsilliera** |
| 03.04.01 | Is-Sindku / Segretarju Eżekuttiv<br>Kunsill Lokali Bormla<br>2A The Rest<br>Pjazza Santa Margerita<br>Bormla<br><br>Jiena Martin Vella nixtieq inressaq dawn il-mistoqsijiet għall<br><br>attenzjoni tas-sindku u tas- segretarju eżekuttiv :<br><br>) Il Bacir numru 1 huwa minnu li inghata lil barklori għal irmigg, u jekk huwa minnu x ser tkun il pozizzjoni tal kunsill f dan ir rigward?<br><br>Is-Sindku wieġeb li huwa kontra dan u bagħat sabiex jitkellem mal-Prim Ministru. Kif ukoll is-Sindku ordna żewġ tabelli biex ma jidħlux karozzi fejn tar-regatta.<br><br>2) Jista l-Kunsill jistaqsi lill ministru konċernat jgħatina data definittiva meta ser ikunu lesti l appartamenti ta' triq Hanover. |

| | |
|---|---|
| | Is-Sindku staqsa lil ministru u qallu li sa Diċembru jkunu lesti.<br><br>3) It-triq 8 ta'  Diċembru eżatt bejn ix-Xghajra u l-bandli għalxiex għada miftuha meta suppost nhar ta Tlieta biss tinfetah kif jindikaw it-tabelli.<br><br>Is-Sindku kellu ħafna suġġerimenti li aħjar tibqa' kif inhi miftuħa.  Is-Sur Martin Vella saħaq li hija ta' periklu jekk ikun hemm xi tifel il-bandli u jaqsam bl-amment, il.-kunsill huwa responsabli għaliex bil-liġi mit-TM din it-Triq hija magħluqa ħlief għal nhar ta' Tlieta minħabba s-suq. Is-Sur Glauber Spiteri jaqbel li tkun jmagħluqa għaliex hemm rotta oħra minn fejn jgħaddu l-karrozzi.<br><br>4) Hemm struttura iż-żewġ naħat tal-mina ta' Għajn Dwieli biex jeħlu xi tabelli, meta se jkunu f posthom ?<br><br>Is-Sindku ser jistaqsi lil Transport Malta għaliex dawn m'hemmx tabelli fuqhom u qegħdin hemm għal xejn.<br><br>5) Grada taħt il-mina ta' Għajn Dwieli<br><br>Din issemmiet mil-kunsillier is-Sur Glauber Spiteri aktar il-fuq f'dawn il-minuti.<br><br>6) Kuntratt Peppi Delceppo xi ħadt jara eżatt x'inhuma l-obbligi<br><br>Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li dan huwa taħt ir-responsabillita' tal-perit sabiex jiċċertifika ix-xogħol li sar f'Peppi Delceppo.<br><br>7) Jistgħu issiru żewġ rampi fejn il-knisja minħabba l-vari tal-purċissjoni?<br>Is-Sindku ser jiċċekja dwar jekk tistax issir mat-TM u l-perit. Il-kunsill jaqbel li jsiru dawn ir-rampi. |
| **03.5** | **Approvazzjonijiet ta' Skedi ta' Ħlasijiet** |
| 03.05.01 | Id-Deputat segretarju eżekuttiv resqgħet l-iskeda ta' pagamenti numru 2/2024 għad-disa' leġislatura fejn ġew approvati mil-kunsillier is-Sur Martin Vella u s-sekondati mis-Sur Glauber Spiteri, is-Sindku is-Sur Marco Agius  u l- |

*2A, 'The Rest', St. Margaret Square, Cospicua BML 1202, Malta*
*Tel: (++356) 21663030, (++356) 21665337 - Fax: (++356) 21672222*
*E-mail: bormla.lc@gov.mt*

| | |
|---|---|
| | kunsilliera is-Sa. Rita Gatt jaqblu mad din l-iskeda waqt li s-Sa. Noyah Spiteri Hammet astjenit. Is-Segretarju Eżekuttiv stiednet lil viċi sindku sabiex tara l-kwotazzjonijiet kollha li għandha bżonn fl-uffiċċju tal-kunsill waqt li tata kopji li kella bżonn. |
| 03.05.02 | Id-Deputat segretarju eżekuttiv resqgħet l-petty cash għax-xahar ta' Lulju 2024 fuq il-mejda tas-seduta fejn ġew approvati mil-kunsillier is-Sur Glauber Spiteri u l-kunsilliera is-Sa. Rita Gatt.<br><br>Id-Deputat segretarju eżekuttiv resqgħet l-purchase order list għax-xahar ta' Lulju 2024 fuq il-mejda tas-seduta fejn ġew approvati mil-kunsillier is-Sur Martin Vella u l-kunsilliera is-Sur. Glauber Spiteri. |
| **03.6** | **Mozzjonijiet ( Mozzjonijiet numru 15/2024 – 24/ 2024)** |
| 03.06.01 | **Mozzjoni Numru 15/2024**<br>**Seduta Nru 03/2024 (IX)**<br><br>Il-Viċi Sindku is-Sa. Noya Spiteri Hammett qed tressaq mozzjoni sabiex il-kunsill jitlob lit-TM biex id-double yellow line li hemm fi Triq Alessandra qabel tinżel it-taraġ ta' Triq l-Oratorju quddiem is-St. Catherine jitneħħa u minfloku jsir parking bay.<br><br>Proponent : Noyah Spiteri Hammett<br><br>Sekondant : _________________<br><br>Din il-mozzjoni ġiet irtirata |

| | |
|---|---|
| 03.06.02 | **Mozzjoni Numru 16/2024**<br><br>**Seduta Nru 03/2024 (IX)**<br><br>Is-Sur Glauber Spiteri jixtieq jgħaddi mozzjoni biex Triq San Ġwann issir One Way l-isfel biss, u jitwaħħlu tabelli biex juru dan.<br><br>Proponet : Glauber Spiteri<br><br>Sekondant: Martin Vella<br><br>Hemm bżonn jerġgħu issiru t-tabelli |
| 03.06.03 | **Mozzjoni Numru 17/2024**<br><br>**Seduta Nru 03/2024 (IX)**<br><br>Il-Kunsilliera is-Sa. Rita Gatt tixtieq torganizza attivita għal-anzjani u residenti mawra f'Għawdex, iżżuru l-monti, ikla f'restaurant u dawra fejn il-baħar.<br><br>Proponent: Rita Gatt<br><br>Sekondant: Marco Agius<br><br>Is-Sur Marco Agius issuġġerixa li l-kunsill iħallas it-trasport. Il-kunsillier is-Sur Glauber Spiteri li għandu d-dekasteru tal-attivitajiet informa lil kunsilliera kollha preżenti sabiex l-attivitajiet ma jsirux minn ġimgħa qabel sabiex ikun hemm ċans li jinħadmu l-kwotazzjonijiet u jsir reklamar u posters kif suppost. |

| | |
|---|---|
| 03.06.04 | **Mozzjoni Numru 18/2024**<br><br>**Seduta Nru 03/2024 (IX)**<br><br>Il-Kunsillier is-Sur Glauber Spiteri jixtieq jgħaddi mozzjoni sabiex jitwaħħlu bollards tal-ħadid puliti fi Triq San Rokku kantuniera ma t-taraġ li jgħati għal-wara ir-Rialto għaliex qed jipparkjaw fuq il-bankina.<br><br>Proponent: Glauber Spiteri<br><br>Sekondant:<br><br>Kif titlesta Triq Wiġi Rosata il-kunsill ta' Bormla jaħseb sabiex issiru l-bollards. |
| 03.06.05 | **Mozzjoni Numru 19/2024**<br><br>**Seduta Nru 03/2024 (IX)**<br><br>Il-Kunsillier is-Sur Glauber Spiteri jixtieq jgħaddi mozzjoni sabiex issir attivita tal-Halloween nhar 31 t' Ottubru ġewwa Triq San Ġwann u toroq tal-madwar li tkun għan-nies ta' kull eta'. Din tkun tikkonsisti minn:<br><br>Palk b'divertiment u kompetizzjonijiet<br>Halloween Parade ( L-Ewwel waħda F' Malta)<br>Trick or Treat<br>Sqaqien armati b 'temi differenti<br>DJ<br>Stands armati mil-għaqdiet<br>Kids Area<br><br>Għal dan l-avveniment ser jkollna bżonn :<br>1. Kantanti jew band<br>2. Żeffiena<br>3. Community police<br>4. Għeluq ta' xi toroq.<br>5. Dwal u palk min kumpaniji.<br>6. Photographer. |

| | |
|---|---|
| | Proponent : Glauber Spiteri<br><br>Sekondant: Martin Vella<br><br>Is-Sindku jaqbel ma din l-attivita li ser tiġi tiswa madwar 5000 ewro. Il-Kunsilliera preżenti jaqblu ma din l-attivita li ser issir 31 t' Ottubru 2024. |
| 03.06.06 | **Mozzjoni Numru 20/2024**<br><br>**Seduta Nru 03/2024 (IX)**<br><br>Rita Gatt resqgħet mozjoni biex ikun hemm Proġett bħala fondi biex bankini, toroq li huma imġarfa, jingħathalhom tiwijja jew bdil mil-ġdid għal residenti u b'mogħod speċjali għal nies b' diżabilita u kif ukoll xi rampi f'ċertu toroq u fejn hemm turġien.<br><br>Proponent : Rita Gatt<br>Sekondant: _________________<br><br>Is-Sindku wieġeb li meta jkun hemm fondi għal dawn il-proġetti jieħdu inkonsiderazzjoni għal toroq bħal dawn. |
| 03.06.07 | **Mozzjoni Numru 21/2024**<br><br>**Seduta Nru 03/2024 (IX)**<br><br>Għeżież nixtieq ngħaddi mozzjoni biex Triq San Mikiel kantuniera ma Triq Santa Liena jsiru bollards bil-katina fin-nofs sabiex ma jidħlux muturi fuq il-pavimentar.<br><br>Proponent : Glauber Spiteri<br><br>Sekondant: Marco Agius |

| | |
|---|---|
| | Is-Sur Martin Vella fl-opinjoni tiegħu hija diffiċli. Is-sur Glauber Spiteri qal li jekk ikun hemm bżonn iħallu 1.2 m sabiex persuni li jużaw il-wheel chair ikunu jistgħu jgħaddu u jsir tabelli No Motor Cycle |
| 03.06.08 | **Mozzjoni Numru 22/2024**<br>**Seduta Nru 03/2024 (IX)**<br>Qed i nressaq din il-mozzjoni biex fi Pjazza Paulina Vassallo ( quddiem il-każin tal-Banda) hemm blokki ta' konkos żgħar li qed joħolqu periklu għal pubbliku peress li huma baxi ħafna għalhekk qed nitlob biex b'kordinament mal-*Public works department* dawn jiġu imneħħija, jew issiru tip ta' qsari biex ikunu notevoli. Ritratti annessi.<br><br>Proponent : Martin Vella<br>Sekondant : Marco Agius |
| 03.06.09 | **Mozzjoni Numru 23/2024**<br>**Seduta Nru 03/2024 (IX)**<br><br>Nixtieq ngħaddi mozzjoni sabiex fi Triq il-Pellegrinaġġ issiru slepping Policeman kif ukoll jitweħħlu bollards fejn hawn immarkat b-linja ħamra, fejn dik suppost hija bankina.<br><br>Propoent : Glauber Spiteri<br><br>Sekondant : Marco Agius |

*2A, 'The Rest', St. Margaret Square, Cospicua BML 1202, Malta*
*Tel: (++356) 21663030, (++356) 21665337 - Fax: (++356) 21672222*
*E-mail: bormla.lc@gov.mt*

| | |
|---|---|
| 03.06.10 | **Mozzjoni Numru 24/2024**<br>**Seduta Nru 03/2024 (IX)**<br><br>Qed inressaq din il-mozzjoni biex il-perit tal-kunsill jagħmelevalwazzjoni ta' Triq Matty Grima, dan għal fatt li ż-żonqor qiegħed jiċċaqlaq u ġa waqgħu tnejn min-nies. Ritratti annessi<br><br>Proponet : Martin Vella<br>Sekondant : Marco Agius |
| **03.07** | **Sejħiet għall-offerti** |
| **03.07.01**<br><br>**03.07.02** | Evalwazzjoni tat-tender tal-Bulky lesta u l-bord approva li għandha tingħata lil Ronald Bezzina bl-irħas offerta. Il-Kunsiller preżenti qabel ma l-għażla tal-bord. Dan il-kuntrattur jista jibda fl-1 ta' Settembru 2024.<br><br>Il-Bord tal-evalwaturi għandu jiltaqa' il-ġimgħa id-dieħla sabiex jagħlaq it-tender tal-Ġnien fil-Ġubilew tal-fidda wara li l-perit ikkonferma il-kjarfiċi li kien hemm dwar il-Merry Go Round u is-situ. |
| **03.07.03** | It-tender ta chairlift quddiem il-bieb tal-kunsill ser titella fuq l-EPPS nhar it-Tlieta 13 t' Awissu 2024. |
| **03.08** | **Rapporti** |
| 03.08.1 | Rapport għat-tieni Jannar – Ġunju 2024 kwart tlesta mill-Accountant tal-kunsill is-Sa. Romina Perici Ferrante fejn qed jindika li l-kunsill qiegħed f'pożizzjon finanzjarja tajba. Il-Kunsillier is-Sur Martin Vella u l-kunsillier is-Sur Glauber Spiteri approvaw ir-rapport tat-tieni kwart għas-sena 2024. |

| | |
|---|---|
| 03.09 | **Aġġornament tal-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss** |
| 03.09.01 | Is-Seduta ntemmet fis-8:30pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 12 ta' Awissu 2024 fil-5:30p.m |

Konfermati, illum il-Ħamis 12 t' Awissu 2024

______________ ______________________

**Marco Agius** **Graziella Gellel**

Sindku Deputat Segretarju Eżekuttiv

*2A, 'The Rest', St. Margaret Square, Cospicua BML 1202, Malta*
*Tel: (++356) 21663030, (++356) 21665337 - Fax: (++356) 21672222*
*E-mail: bormla.lc@gov.mt*